Should more information be required kindly contact the Food Safety and Security Authority (FSSA) within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

26th March, 2026

No. 477

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili (Emenda), 2026
Attività li għandha tiġi regolata	It-tqegħid fis-suq, it-tikkettar, il-kompożizzjoni u l-istandards tal-kwalità tal-meraq tal-frott, nektars tal-frott u prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem.
Entità responsabbli	L-Awtorità tas-Sigurtà u s-Sigurta tal Provissta tal-Ikel (FSSA)

2. Sommarju u Sfond

2.1 Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

L-għan tar-Regolamenti proposti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili (Emenda), 2026 huwa jittrasponu li fil liġi Maltija aktar emendi li saru fil-leġiżlazzjoni rispettiva tal-UE. Il-ligi oriġinali tal-UE rigward meraq tal-frott u prodotti simili għall-konsum tal bniedem fil Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li kien transpost S.L. 449.42 ir-"regolamenti prinċipali".

It-titolu sħiħ tad-Direttiva li qed jiġi traspost b 'mod selettiv mill-abbozz ta' Avviż legali li huwa wieħed minnerbgħahuwa:

Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2024/1438 tat-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE relatata mal-għasel, 2001/112/KE relatata mal-meraq tal-frott, 2001/113/KE relatata mal-ġammijiet, ġellies u marmellati, u 2001/114/KE relatata mal-ħalib ippreservat parzjalment jew kompletament deidratat għall-konsum mill-bniedem.

L-għanijiet ewlenin huma li jiġi allinjat it-tikkettar u l-kompożizzjoni tal-meraq tal-frott mar-rekwiżiti Ewropej, jiġu introdotti definizzjonijiet ġodda għal prodotti b'zokkor imnaqqas, u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-proċessi ta' tnaqqis taz-zokkor u dwar l-użu ta' addittivi jew trattamenti awtorizzati.

2.2 Ħarsa ġenerali lejn id-Direttiva li qed tiġi trasposta

Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2024/1438:

Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2024/1438 temenda diversi Direttivi tal-Kunsill relatati ma' prodotti tal-ikel, inklużi dawk li jikkonċernaw l-għasel, il-meraq tal-frott, il-ġammijiet u l-prodotti tal-ħalib. Din tintroduċi dispożizzjonijiet aġġornati dwar il-kompożizzjoni, l-ittikkettar u t-traċċabbiltà bil-għan li ttejjeb it-trasparenza għall-konsumaturi, issaħħaħ il-kontrolli tal-awtentiċità u tallinja r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar l-ikel fl-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar il-provvista ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

1. Regolament 1 - Titolu, għan u bidu fis-seħħ
2. Regolament 2 -Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali
3. Regolament 3 -Iżid r-regolament 2.5 ġdid mar-regolamenti prinċipali
4. Regolament 4 -Jemenda regolament 4.1 tar-regolamenti prinċipali
5. Regolament 5 -Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali
6. Regolament 6 -Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali
7. Regolament 7 -Jemenda t-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali
8. Regolament 8 -Jemenda r-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali
9. Regolament 9 -Jemenda l-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Kummentarju

Regolament 1 jaġġorna l-kamp ta' applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regolamenti prinċipali sabiex jittrasponi d-Direttiva (UE) 2024/1438, li temenda diversi Direttivi tal-Kunsill relatati mal-għasel, mal-meraq tal-frott u ma' ċerti prodotti simili, mal-ġammijiet, il-ġelatini u l-marmellati tal-frott, mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa, u ma' ċertu ħalib ippreżervat maħsub għall-konsum uman.

Regolament 2 iżid dispożizzjoni ġdida li tipprovdi b'mod espliċitu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1438 fil-liġi nazzjonali.

Regolament 3 jintroduċi dispożizzjonijiet tranżitorji li jippermettu li prodotti mqiegħda fis-suq jew ittikkettjati qabel l-14 ta' Ġunju 2026, f'konformità mad-Direttiva 2001/112/KE, ikomplu jiġu kummerċjalizzati sakemm jispiċċaw l-istokks eżistenti.

Regolament 4 jallinja r-rekwiżiti tat-tikkettar applikabbli għall-meraq tal-frott u prodotti simili mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. Huwa jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi dwar id-denominazzjonijiet tal-prodotti u l-lingwi li fihom jistgħu jintużaw, kif stipulat fit-Tielet Skeda, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw l-użu tal-lingwi permessi. Dan ir-regolament jippermetti wkoll li d-dikjarazzjoni "il-meraq tal-frott fih biss zokkor li jseħħ b'mod naturali" tidher fuq it-tikketta skont il-kundizzjonijiet preskritti.

Regolament 4 jistipula wkoll li meraq tal-frott u nektars tal-frott miksuba kompletament jew parzjalment minn konċentrati għandhom jinkludu fuq it-tikketta l-indikazzjoni "minn konċentrat(i)" jew "parzjalment minn konċentrat(i)", kif ikun xieraq, viċin l-isem tal-prodott.

Regolament 5 jillimita l-metodi ta' manifattura, it-trattamenti u s-sustanzi permessi għal dawk elenkati fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi, u jintroduċi rekwiżiti ta' konformità għall-meraq tal-frott u n-nektars b'kontenut ta' zokkor imnaqqas. Barra minn hekk, in-nektars tal-frott għandhom jikkonformaw mar-Raba' Skeda.

Regolament 6 jemenda l-Ewwel Skeda billi jintroduċi kategoriji ġodda ta' prodotti, inkluż meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas, meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat, u meraq tal-frott konċentrat b'zokkor imnaqqas. Dan ir-regolament jikkjarifika l-użu tal-ilma u ta' ingredjenti oħra permessi, jaġġorna l-lista tas-sustanzi awtorizzati, jikkonferma r-regoli dwar l-addittivi tal-ikel, jirrestrinġi l-użu tad-dolċifikanti għan-nektars tal-frott biss, u jintroduċi l-użu ta' proteini tal-pjanti għall-finijiet ta' kjarifikazzjoni. Barra minn hekk, jiġu ddefiniti l-proċessi awtorizzati għat-tnaqqis tal-kontenut taz-zokkor.

Regolament 7 jissostitwixxi t-Tielet Skeda billi jirrevedi l-lista ta' denominazzjonijiet partikolari u jispeċifika l-lingwi li fihom dawn id-denominazzjonijiet jistgħu jintużaw, inkluż dawk relatati mal-meraq tat-tuffieħ, l-ilma tal-ġewż tal-Indi u n-nektars tal-frott.

Regolament 8 jemenda r-Raba' Skeda billi jissostitwixxi r-referenza għall-isfarġel bl-isem xjentifiku sħiħ Sfarġel (Cydonia oblonga L.).

Regolament 9 jemenda l-Ħames Skeda billi jżid Ġewż tal-Indi (Cocos nucifera L.) mal-lista tal-frott permessi.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2026.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lill-Awtorità tas-Sigurtà u s-Sigurtà tal-Ikel (FSSA) fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-26 ta' Marzu, 2026

No. 477

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Fruit Juices and Similar Products (Amendment) Regulations, 2026
Activity to be regulated	The placing on the market, labelling, permitted treatments, and product standards for fruit juices, fruit nectars, and similar products intended for human consumption.
Responsible entity	Food Safety and Security Authority (FSSA)

2. Summary and background

2.1 Aims & Objectives of the legislation

The aim of the proposed Fruit Juices and Similar Products (Amendment) Regulations 2026 is to transpose into Maltese law further amendments carried out to the respective EU legislation. The original EU Fruit Juices Council Directive was transposed into Maltese law Fruit Juices and Similar Products Regulations S.L. 449.42 "the principal regulations".

Fruit Juices and Similar Products (Amendment) Regulations 2026 transpose Commission Implementing Directive (EU) 2024/1438 of 14 May 2024, which amends Council Directive 2001/112/EC relating to fruit juices and similar products.

The full title of the Directive selectively being transposed by the draft Legal Notice which is one of four is:

Commission Directive (EU) 2024/1438 of 14 May 2024 amending Council Directives 2001/110/EC relating to honey, 2001/112/EC relating to fruit juices and certain similar products intended for human consumption, 2001/113/EC relating to fruit jams, jellies and marmalades and sweetened chestnut purée intended for human consumption, and 2001/114/EC relating to certain partly or wholly dehydrated preserved milk for human consumption.

The objectives are to update the labelling rules in order to provide consumers with clearer and more transparent information on product composition and origin, to introduce new categories of reduced-sugar fruit juices together with the relevant definitions, to establish stricter rules governing permitted treatments, sweeteners and additives, and to harmonise certain product designations across the European Union so as to ensure consistency.

2.2 Overview of the Directive being transposed

Commission Directive (EU) 2024/1438 amends several Council Directives relating to foodstuffs, including those concerning honey, fruit juices, jams and milk products. It introduces updated provisions on composition, labelling and traceability with a view to enhancing transparency for consumers, strengthening authenticity controls and aligning food information requirements across the European Union in accordance with Regulation (EU) No 1169/2011 on the provision of food information to consumers.

3. Overview of the structure of the instrument

1. Regulation 1 - Citation commencement and scope
2. Regulation 2 - Adds a new regulation to the principal regulations
3. Regulation 3 - Adds new regulation 2.5 to the principal regulations
4. Regulation 4 - Amends regulation 4.1 of the principal regulations
5. Regulation 5 - Amends regulation 5 of the principal regulations

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

6. Regulation 6 - Amends the First Schedule to the principal regulations
7. Regulation 7 - Amends the third Schedule to the principal regulations
8. Regulation 8 - Amends the Fourth Schedule to the principal regulations
9. Regulation 9 - Amends the Fifth Schedule to the principal regulations

4. Commentary

Regulation 1 - updates the implementation and scope of the principal regulations to include Directive 2024/1438/EU.

Regulation 2 - introduces a new provision expressly providing for the transposition of Directive (EU) 2024/1438 into national law.

Regulation 3 - lays down transitional provisions allowing products which were placed on the market or labelled before 14 June 2026 in accordance with Directive 2001/112/EC to continue to be marketed until the exhaustion of existing stocks.

Regulation 4 - aligns the labelling requirements applicable to fruit juices and similar products with Regulation (EU) No 1169/2011 on the provision of food information to consumers. It introduces specific conditions concerning product designations and the languages in which they may be used, as set out in the Third Schedule, while allowing Member States to determine the permitted language use. This regulation also allows the statement "fruit juices contain only naturally occurring sugars" to appear on labels under the prescribed conditions.

Regulation 4 - further requires that fruit juices and fruit nectars obtained wholly or partly from concentrates bear the indication "from concentrate(s)" or "partially from concentrate(s)", as applicable, in close proximity to the product name.

Regulation 5 - restricts permitted manufacturing methods, treatments and substances to those listed in the First and Second Schedules, and introduces compliance requirements applicable to reduced-sugar fruit juices and fruit nectars. Fruit nectars are additionally required to comply with the provisions of the Fourth Schedule.

Regulation 6 - amends the First Schedule by introducing new product categories, including reduced-sugar fruit juice, reduced-sugar fruit juice from concentrate, and concentrated reduced-sugar fruit juice. It clarifies the use of water and other permitted ingredients, updates the list of authorised substances, confirms the applicable rules on food additives, restricts the use of sweeteners to fruit nectars only, and introduces the use of plant proteins for clarification purposes. The regulation also defines the authorised processes for reducing the sugar content of fruit juice.

Regulation 7 - replaces the Third Schedule by revising the list of particular product designations and specifying the languages in which such designations may be used, including designations relating to apple juice, coconut water and fruit nectars.

Regulation 8 - amends the Fourth Schedule by replacing the reference to quinces with the full scientific designation Quinces (Cydonia oblonga L.).

Regulation 9 - amends the Fifth Schedule by adding Coconut (Cocos nucifera L.) to the list of permitted fruits.

5. Concluding Sections

These Regulations shall come into force on the 14th June 2026.

Should more information be required kindly contact the Food Safety and Security Authority (FSSA) within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

26th March, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

825

DKR 352/2007 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Natasha Galea Sciberras, LLD) wara rikors ippreżentat minn Joseph Grech fit-12 ta' Awwissu, 2025, Att ta' Akkuża Numru 6/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPH GRECH, ta' 58 sena, bin il-mejjet Carmelo and Maria Stella née Muscat, imwieled Marsa Malta fit-2 ta' Ottubru, 1967, residenti fil-fond numru 13, Triq ix-Xemxija, Marsa, Malta, u detentur tal-karta tal-identità numru 0423567M ;

DEAN MARTIN;

U

OMISSIS

Il-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti Joseph Grech u tawtorizzah sabiex, flimkien mar-rimanenti proprjetarji attwali tal-fond bin-numru 13, 'Stella House', fi Triq ix-Xemxija, Il-Marsa, identifikati fil-konvenju tat-18 ta' Diċembru, 2024, kif imġedded, jitrasferixxi, permezz ta' att pubbliku favur Glen Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 0047196M, is-sehem tiegħu mill-imsemmi fond, taħt il-kundizzjonijiet u bil-prezz miftiehem bis-saħħa tal-imsemmi konvenju, b'dan illi l-Qorti qiegħda taħtar lill-Avukat Dott. Marco Ciliberti, sabiex jidher fuq l-istess att bil-għan li jirċievi dik il-parti mill-prezz dovut lir-rikorrenti, neqsin biss is-sehem talvolta dovuta mir-rikorrenti bħala Taxxa fuq il-Qligħ Kapitali talvolta imponibbli fuq l-att tat-trasferiment, liema somma perċepita mir-rikorrenti għandha tiġi depożitata mill-Avukat Dott. Marco Ciliberti fil-kont bankarju, f'isem Joseph Grech, indikat fin-nota minnu ppreżentata nhar it-18 ta' Frar, 2026, u ċoè MT55VALL22013000000015301875026 mal-Bank of Valletta plc, u milqut b'Ordni ta' Ffriżar.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.

Tordna lill-Avukat Dott. Marco Ciliberti sabiex, mingħajr dewmien, jippreżenta, permezz ta' nota, kopja tal-att tat-trasferiment u dokument bankarju, li juri illi l-prezz ġie depożitat minnu fil-kont bankarju indikat hawn aktar 'il fuq.

DKR 352/2007 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd March, 2026, given by the Criminal Court – (Hon. Judge Natasha Galea Sciberras, LLD) following an application filed by Joseph Grech on the 12th August, 2025, Bill of Indictment Number 6/2024, in the case in the names:

The Republic of Malta

Versus

JOSEPH GRECH, 58 years, son of the late Carmelo and Maria Stella née Muscat, born in Marsa Malta on the 2nd October, 1967, residing at 13, Triq ix-Xemxija, Marsa, Malta, and holder of identity card number 0423567M;

DEAN MARTIN;

AND

OMISSIS

The Court ACCEDED to the first request of the defendant Joseph Grech and authorizes him so that, together with the remaining current owners of the property with number 13, 'Stella House', in Triq ix-Xemxija, Marsa, identified in the promise of sale of the 18th December, 2024, as renewed, to transfer, through a public deed in favour of Glen Zammit, holder of identity card number 0047196M, his share from the said property, under the conditions and at the price agreed by virtue of the said promise of sale, provided that the Court is appointing Lawyer Dr Marco Ciliberti to appear in the same deed in order to receive that part of the price due to the applicant, deducted only the amount due by the applicant as Capital Gains Tax which is sometimes applicable on the transfer of deed, which amount received by the applicant is to be deposited by Lawyer Dr Marco Ciliberti in the bank account, in the name of Joseph Grech, indicated in the note presented by him on the 18th of February, 2026, which account bears number MT55VALL22013000000015301875026 with Bank of Valletta plc, affected by the Freezing Order.

Abstains from taking further coignance of the second request.

Orders Lawyer Dr Marco Ciliberti to, without delay, to present, by means of a note, a copy of the transfer of deed together with a bank document, showing that the amount was deposited by him in the bank account mentioned above.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, insegwitu ta' ordni ta' ffriżar mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera) fl-10 ta' Ottubru, 2007, u li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Ottubru, 2007, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmija jew li huma proprjetà ta' Joseph Grech, Stella Grech u Dean Martin.

This variation is being published in terms of Article 5(2) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and following a freezing order which was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Consuelo Scerri Herrera) on the 10th October, 2007, which was published in the Government Gazette of the 16th October, 2007, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Joseph Grech, Stella Grech and Dean Martin.

Illum 20 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

Today 20th March, 2026

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

826

B'digriet tas-17 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni (Kap. 12)

By a decree given on the 17th March, 2026, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-04 ta' Frar, 2026, minn Fatima Zahra Zeroual (KI Marokkina numru AD 51755), Subbasta bin-numru 6/26 fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual (KI Marokkina numru AD 51755) vs Hashim Kuduzovic (KI Maltija numru 81748A) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 4th February, 2026, by Fatima Zahra Zeroual (Moroccan ID number AD 51755), Judicial Sale file number 6/26 in the names Fatima Zahra Zeroual (Moroccan ID number AD 51755 vs Hashim Kuduzovic (Maltese ID number 81748A) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

In-nofs sehem indiviż tal-fond numru tlieta u tletin (33), Gerdine, fi Triq il-Ħawt, Is-Swieqi, u n-nofs sehem indiviż tal-garaxx numru ħamsa u tletin (35), fi Triq il-Ħawt, Is-Swieqi.

The half undivided share of the tenement number thirty three (33), in Triq il-Ħawt, Swieqi, and the hald undivided share of the garage number thirty five (35) in Triq il-Ħawt, Swieqi.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Hashim Kuduzovic (KI Maltija numru 81748A)

The said property belongs to Hashim Kuduzovic (Maltese ID number 81748A)

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Monday, 23rd March, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

827

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2026 mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex), fl-atti tal-avviż numru CCT G12/2025 MS fl-ismijiet 'Joseph Mary Grech versus Noel Borg' ġiet ordnata

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 19th of February, 2026, by the Consumer Claims Tribunal (Gozo), in the acts of notice number CCT G12/2025/ MS in names 'Joseph Mary Grech versus Noel Borg' the

l-pubblikazzjoni ta' estratt tal-istess avviż, kif riprodott hawn taħt, u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Noel Borg bl-indirizz 68, Triq Ta' Said, In-Nadur NDR 1215, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex)

Avviż numru CCT G12/2025/MS fl-ismijiet:

Joseph Mary Grech vs Noel Borg

Permezz ta' dan l-avviż ir-rikorrenti Joseph Mary Grech ippremetta illi:

Fit-12 ta' Jannar, 2024, is-sena l-oħra, għamilt ħlas ta' €3,207.54 bħala depożitu għal xogħol tad-dawl u ilma, kisi u tibjid u tqegħid ta' madum f'appartament Ta' Kerċem, Għawdex.

Ix-xogħol dam ma beda peress li min kellu jaħdimli (Noel Borg MT 1939-5918 li joqgħod: 68, Triq Ta' Said, In-Nadur NDR 1215, Gozo (indirizz elettroniku: (noelborg@hotmail.com); Mob: 7734 5105), ried li jien nipprovdilu d-dawl u l-ilma jew generator biex hu ikun jista' jaħdem. Kien saħansitra qalli biex jien nikrilu u nħallas għall-generator għal ġimagħtejn sħaħ. Fil-fatt kont ftaħt ilment anke magħkom u kienet ħadet ħsiebu s-Sinjura Tania Chetcuti (claim 65448). Kont anke bgħattlu ittra reġistrata li baqa' ma ġabarx mill-posta tan-Nadur u reġgħet ġiet irritornata lili.

Il-każ kont waqqaftu meta jiena rnexxieli nsiblu wieħed mill-ġirien li seta' jislifna d-dawl u l-ilma għal spejjeż tiegħi. Beda x-xogħol ta' tqattigħ ta' trinek tad-dawl fl-4 ta' Settembru, 2024.

Sat-12 ta' Frar, 2025, ftit li xejn sar xogħol ħlief il-wiring tad-dawl u l-kisi tal-ħitan tal-appartament (nikkalkula għaxart ijiem ta' xogħol).

Fit-12 ta' Diċembru, 2024, ġibtlu l-madum tal-art biex ikun jista' jibda jwaħħlu matul il-vaganzi tal-Milied wara li kien hu stess li qalli biex inġibulu. Fl-istess ġurnata ħallastu wkoll it-tieni pagament ta' €3,183. Minn dakinhar ma resaqx aktar lejn l-appartament u xogħol ma sar xejn aktar. Il-madum baqa' ma twaħħalx u tħalla fejn kien.

Qiegħed nehmeż diversi dokumenti li juru kif ix-xogħol ma kienx qed jitkompla tant li kont inċempillu fuq il-mowbajl u nibgħatlu emails u ma jirrispondix, jgħidli "I'll call you back," u ma jċempilx.

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq ftaħt ilment mal-Awtorità MCCAA (ID: 79379) biex Noel Borg jieqaf

publication of an extract of the said notice, as reproduced below, was ordered to serve as a notification with respect the respondent Noel Borg with the address 68, Triq Ta' Said, Nadur NDR 1215, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Consumer Claims Tribunal (Gozo)

Notice number CCT G12/2025/MS in names:

Joseph Mary Grech vs Noel Borg

By means of this notice the claimant Joseph Mary Grech premised that:

On the 12th of January, 2024, last year, I made a payment of €3,207.54 as a deposit for electricity and water works, plastering and painting and tiling in a Ta' Kerċem apartment, Gozo.

Work took a long time since whoever had to work for me (Noel Borg MT 1939-5918 residing at: 68, Triq Ta' Said, Nadur NDR 1215 Gozo (email: (noelborg@hotmail.com); Mob: 7734 5105), wanted me to provide him with electricity and water or a generator so that he could work. He had warned me to rent and pay for the generator for two weeks. In fact, I had also opened a complaint with you, which Mrs Tania Chetcuti had taken care of (claim 65448). I even sent him a registered letter which he did not collect from the Nadur post and was returned to me.

I stopped the case when I managed to find one of the neighbours who could lend us electricity and water at my expense. The cutting of electricity trenches started on 4 September, 2024.

Until 12th February, 2025, little work was done except for the wiring of the lighting and covering of the walls of the apartment (I calculate ten working days).

On the 12th of December, 2024, I took the tiles to him so that he could start fixing them during the Christmas holidays after he himself told me to bring them to him. On the same day, he was also paid a second payment of €3,183. From that day he no longer approached the apartment and no work was done anymore. The tiles were not fixed and left where they were.

I am attaching various documents showing how the work was not being continued so much so that I used to phone him and send him emails and he did not reply, saying "I'll call you back," and didn't phone.

For the reasons mentioned above, I filed a complaint with the MCCAA authority (ID: 79379) for Noel Borg to stop this

minn dan ix-xogħol u jrodd lura d-depożitu ta' €1,982 ta' xogħol li ma sarx.

Iffirmat,
Joseph Grech

Data
07/04/2025

Dan l-avviż huwa differit għas-smigħ għas-7 ta' Mejju, 2026, fil-11.30 a.m. għan-notifika, fil-Kunsill Lokali l-Għarb, Triq il-Viżitazzjoni, L-Għarb, Għawdex.

Illum 23 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali ta' Għawdex

work and refund the deposit of €1,982 of work which was not carried out.

Signed,
Joseph Grech

Date
07/04/2025

This notice is adjourned for hearing to the 7th of May, 2026, at 11.30 a.m. for notification, at the Għarb Local Council, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb, Gozo.

This 23rd of March, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

828

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat ta' Kontro-Talba numru 432/2025DC, fl-ismijiet: Ronald Galea vs Savior Baron noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Ronald Galea (622558M) vs Savior Baron (816854M) noe ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa permezz tal-preżenti risposta;

2. Tiċħad it-talbiet rikorrenti miġjuba permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 432/2025DC.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 432/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Marzu, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Ronald Galea (622558M), 9, Ta' San Tumas, Blk 2, Basement 2, Triq il-Gadoffli, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd February, 2026, in the records of the Sworn application of counter-claim number 432/2025DC, in the names: Ronald Galea vs Savior Baron noe, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Ronald Galea (622558M) vs Savior Baron (816854M) noe filed in the Civil Court, First Hall, on the 4th July, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Uphold the pleas raised by the present reply;

2. Reject the applicant's demands brought forward by means of the sworn application number 432/2025DC.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 432/2025DC in the names mentioned above is postponed to the 28th March, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Ronald Galea (622558M), 9, Ta' San Tumas, Blk 2, Basement 2, Triq il-Gadoffli, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, this 24th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603